**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 221/1998**

**Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo)**

**Vs**

**----omissis----**
**GRACE MIZZI**
**DR. SALVINO GALEA M.D.**

**Illum, 31 ta'Mejju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Grace Mizzi w it-tabib Salvino Galea talli fis-6 ta'April, 1998, u matul dawk mil-granet, fil-fond numru 10, Triq ir-Repubblika, Rabat (Ghawdex), ma hallewx li jaghddu l-katusi jew kanali ta' komunikazzjoni minn-naha ta' fuq tad-dar ghal mad-drenagg pubbliku.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tral-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-8 ta'Lulju, 1998, li biha sabet liz-zewg persuni fuq imsemmija hatja ta' l-akkuza kif dedotta kontrihom u kkundannathom ghall-

hlas ta' ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (Lm25) kull wiehed. Ordnatilhom ukoll sabiex ihallu d-detentur tal-fond numru 10, Flat 2, sabiex jikkomunika mad-drenagg u dan fi zmien gimgha taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) ammenda kull jum fin-nuqqas, ai termini ta' l-Artikolu 321 (1) tal-Kap. 10.

Rat ir-rikors ta' appell ta'Grace Mizzi w tat-tabib Salvino Galea datat 20 ta'Lulju, 1998 li bih talbu li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tiddeciedi billi ssibhom mhux hatja mill-akkuzi dedotti kontrihom u tilliberahom.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti, u l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi din il-Qorti tara li ma tantx hemm xi tghid f'dan l-appell, dan ghaliex fil-mori ta' dawn il-proceduri, dak li kien gie allegatament addebitat lill-appellanti fil-fatt sar in ottemperanza tal-ligi.

F'cirkostanzi bhal dawn, din il-Qorti mhiex sejra toqghod tahli z-zmien taghha billi tidhol fil-mertu kollu ta' dan l-appell. Izda tiehu in kunsiderazzjoni dan il-fatt ghal dik li hija l-piena.  Dan apparti l-fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti kien wiehed tajjeb fis-sens li in bazi tal-provi li kellha quddiemha dik mil-Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom.

Dan premess, il-Qorti tara li ghalhekk ma baqax necessita' jew xi raguni valida legalment l-ghaliex ghandha tibqa' dik il-piena li l-ewwel Qorti imponiet fuq l-appellanti.

Ghalhekk tiddisponi minn dan l-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu, tbiddel minnha biss il-parti tal-piena nflitta fuq l-appellanti, kif ukoll kull ordni moghti fil-konfront taghhom, u minflok dik il-piena u ordni, din il-Qorti qedha tikkundanna lill-appellanti reprensjoni w ammonizzjoni (R & A).